



FLUSNA

SKOPRI L-KARTA L-ĠDIDA TA' €5

[www.wiccgdidtaleuro.eu](http://www.wiccgdidtaleuro.eu)  
[www.euro.ecb.europa.eu](http://www.euro.ecb.europa.eu)



BANK ĊENTRALI EWROPEW  
EUROSISTEMA

## WERREJ

- 1 Il-wiċċ ġdid tal-euro
- 2 Il-karta l-ġdida ta' €5
- 3 Faċċli tiċċekkjhaha
- 4 Tnedja tas-sensiela Europa
- 5 Ħarsa mill-qrib lejn Europa
- 6 Riċerka & żvilupp u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni
- 7 Produzzjoni u tqassim tal-karti tal-flus
- 8 Il-ħajja ta' karta tal-flus
- 9 Uffīċċji stampa tal-Eurosistema

Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro daħlu fi 12-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-I' ta' Jannar 2002 iżda l-ippjanar u t-tħejjija għat-tnejha tagħhom bdew fil-bidu tas-snin 1990. L-euro illum jinsab fil-bwiet ta' 332 miljun ċittadin fi 17-il Stat Membru – l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franzja, il-Ġermanja, il-Greċċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Illum il-valur tal-karti tal-flus tal-euro li jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni fid-dinja kollha huwa bejn wieħed u ieħor l-istess daqs il-valur tal-karti tal-flus tad-dollaru Amerikan.

Dan huwa materjal għall-istampa dwar il-karta ta' €5 tat-tieni sensiela ta' karti tal-flus tal-euro, is-sensiela "Europa". Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) Mario Draghi żvela l-karta l-ġdida ta' €5 waqt okkażjoni speċjali fil-Mużeu Arkeoloġiku ta' Frankfurt am Main fl-10 ta' Jannar 2013. Il-karta ta' €5 se tkun l-ewwel karta tal-flus tas-sensiela Europa li tidħol fiċ-ċirkolazzjoni u se toħroġ fit-2 ta' Mejju 2013 fiż-żona tal-euro kollha.

Fil-websajt dwar il-karti tal-flus tal-euro ([www.wiccgħidtaeuro.eu](http://www.wiccgħidtaeuro.eu)) li tikkonċentra fuq is-sensiela Europa u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħha, issib tagħrif ieħor u fajls biex jitniżżlu li juru l-karta l-ġdida ta' €5 (72 dpi u mmarkata "specimen") u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħha. Issib ukoll filmati dwar il-produzzjoni tal-karti tal-flus. Dan il-materjal jista' jintuża għall-pubblikazzjoni sakemm ir-regoli dwar ir-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro jiġu osservati strettament<sup>1</sup>.

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċċi stampa tal-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema<sup>2</sup>.

<sup>1</sup>Ir-regoli dwar ir-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro jinsabu hawn <http://www.ecb.europa.eu/euro/html/reproduction.mt.html>.

<sup>2</sup>L-Eurosistema tiegħi fiha l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

# IL-WIĊĊ ĠDID TAL-EURO

Il-karti tal-flus il-ġodda tal-euro jinkorporaw karakteristiċi ta' sigurtà li jirriflettu l-progress li sar fis-sigurtà u t-teknoloġija tal-karti tal-flus. Huma magħrufa bħala s-sensiela Europa minħabba li wiċċ Europa – il-figura tal-mitoloġija Griega li minnha ħa ismu l-kontinent tagħna – jidher fl-oħra u fil-watermark tal-karti tal-flus. Id-dħul ta' din is-sensiela l-ġdida fl-2013 huwa parti mill-iżvilupp kontinwu biex il-karti tal-flus tal-euro kulma jmorru jsiru aktar siguri. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali għandhom id-dmir li jissalvagħwardaw l-integrità tal-karti tal-flus tal-euro billi

minn żmien għal żmien jaġġornaw u jtejbu l-karakteristiċi ta' sigurtà tagħhom. Hekk, minħabba ż-żmien u r-riżorsi meħtieġa għall-iżvilupp ta' karti tal-flus ġodda, it-tnejji għas-sensiela l-ġdida bdew ftit wara d-dħul tal-ewwel sensiela.

Il-karti tal-flus il-ġodda se jidħlu ftit fis-snini li ġejjin, jibdew bil-karta l-ġdida ta' €5 fit-2 ta' Mejju 2013 u jibqgħu telgħin sal-akbar denominazzjoni. Id-denominazzjonijiet baqgħu l-istess: €5, €10, €20, €50, €100, €200 u €500.

L-EWWEL SENSIELA



IS-SENSIELA EUROPA




Il-karti tal-flus il-ġodda tal-euro se jżommu d-disinn "żminijiet u stil" tal-ewwel sensiela u juru l-istess kuluri dominanti, iżda sarilhom tibdil minimu meħtieġ biex jilqgħu l-karakteristiċi ġodda ta' sigurtà. Għalhekk se jkunu jintgħar fu faċilment mill-karti tal-flus tal-ewwel sensiela. Disinjatur indipendenti tal-karti tal-flus, Reinhold Gerstetter minn Berlin, intgħażel biex jaġhti dehra ġdida lid-disinn tal-karti tal-flus tal-euro. Dan sar biex jiġu inklużi l-pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea mill-2002 l-hawn. Hekk, il-mappa tal-Ewropa issa turi lil Malta u Ċipru, il-kelma "euro" hi miktuba bl-alfabett Ċirilliku wkoll barra bl-alfabett Latin u Grieg, u l-inizjali tal-BĊE jidħru b'disa' varjanti lingwistiċi flok b'ħamsa.

# IL-KARTA L-ĠDIDA TA' €5

Mhijiex diffiċli ssib il-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda tas-sensiela Europa fuq il-karti tal-flus.

Sensiela Europa, €5, quddiem




Sensiela Europa, €5, wara




## IL-KARTA TA' €5 TAL-EWWEL SENSIELA

L-ewwel sensiela, €5, quddiem



L-ewwel sensiela, €5, wara



Għal dawk li għandhom interess lejttmu li jirriproduċu xbihat tal-karti tal-flus tal-euro, il-BĊE ġejja xbihat digżitali li ma jinqabdux mis-CDS<sup>3</sup> (300 dpi; format TIFF u mmarkati "specimen") u jistgħu jiġu riprodotti. Biex ikollu aċċess għal dawn ix-xbihat l-utent irid jifirma dikjarazzjoni ta' kunkfidenzjalità li wieħed jista' jikseb billi jibgħat e-mail lil info@ecb.europa.eu.

<sup>3</sup> Il-Counterfeit Deterrence System (CDS) hija sistema li ma tħallix lill-kompjuters u softwer għar-riproduzzjoni ta' xbihat digżitali jikkupjaw ix-xbihat ta' karti tal-flus li jkunu protetti minnha. Din is-sistema ġiet żviluppata mis-Central Bank Counterfeit Deterrence Group, grupp internazzjonali magħmul minn 32 bank ċentrali.

# FAĊLI TIĊĊEKKJAH

Bħal fil-każ tal-ewwel sensiela ta' karti tal-flus tal-euro, faċli tiċċekkja s-sensiela l-ġdida Europa bil-metodu "ĦOSS, ĦARES u MEJJEL". M'għandekx bżonn tagħmir speċjali. Malajr tagħraf x'hemm ġdid fil-karakteristiċi ta' sigurtà mfissra hawn taħt.

## 1 ĦOSS



**Kif tinħass il-karta** – Ħoss il-karta tal-flus. Għandha tkun tqarqaċ u soda.

**Stampar imqabbeż** – Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u ċ-ċifra l-kbira tal-valur jinħassu eħxen.



### > X'hemm ġdid

Fuq il-karta tal-flus il-ġdida hemm sensiela ta' linji qosra mqabbżin fit-truf tax-xellug u tal-lemin.



## 2 ĦARES

**Watermark** – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tidher xbieha mitfija li turi ċ-ċifra tal-valur tal-karta tal-flus u tieqa.

### > X'hemm ġdid – Watermark bil-wiċċ

Fuq il-karta tal-flus il-ġdida jidher ukoll wiċċ Europa.



**Fil ta' sigurtà** – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Il-fil ta' sigurtà jidher bħala strixxa skura u tista' tara ċ-ċifra tal-valur tal-karta tal-flus b'ittri bojod żgħar.

### > X'hemm ġdid

Fuq il-fil ta' sigurtà tal-karta tal-flus tista' tara s-simbolu tal-€, waqt li fil-karti tal-flus tal-ewwel sensiela tidher il-kelma "EURO".




## 3 MEJJEL



**Ologramma** – Mejjal il-karta tal-flus. L-istrixxa lewn il-fidda fuq il-lemin turi ċ-ċifra tal-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-€.

### > X'hemm ġdid – Ologramma bil-wiċċ

Fuq il-karta tal-flus il-ġdida jidher wkoll wiċċ Europa u tieqa.



### > X'hemm ġdid – Numru aħdar żmerald

Mejjel il-karta tal-flus. Fil-karta tal-flus il-ġdida, in-numru jleqq fir-rokna t'isfel tax-xellug juri effett bid-dawl li jidher miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.



# TNEDJA TAS-SENSIELA EUROPA

## > Punti ewlenin:

- Il-karti tal-flus il-ġodda tal-euro huma magħrufa bħala s-sensiela Europa minħabba li wħud mill-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom fihom il-wieċċ ta' Europa, figura tal-mitoloġja Griega li minnha ħa ismu l-kontinent tagħna.
- Il-karti tal-flus il-ġodda tal-euro se jidħlu ffit ftit fis-snin li ġejjin, jibdew bil-karta l-ġdidha ta' €5 u jibqgħu telgħin sal-akbar denominazzjoni. Id-denominazzjonijiet baqgħu l-istess: €5, €10, €20, €50, €100, €200 u €500.
- Aktar 'il quddiem se tittieħed deċiżjoni li titħabbar lill-publiku u lil dawk li jaħdmu bil-flus kontanti dwar iż-żmien eż-żarru meta għandhom joħorġu d-denominazzjonijiet l-oħra.
- Il-manufatturi tat-tagħmir tal-karti tal-flus kienu involuti fl-iżvilupp tas-sensiela Europa biex ikunu jistgħu jħejju għad-dħul tal-karti tal-flus il-ġodda.
- Is-sensiela l-ġidida sejkun fiha kemm karatteristiċi ġodda ta' sigurtà kif ukoll oħrajn li ttejbu biex jaġħtu aktar protezzjoni kontra l-falsifikazzjoni.
- L-istess bħalma sar fl-ewwel sensiela ta' karti tal-flus tal-euro, persuni neqsin mid-dawl ġew ikkonsultati fil-fażi tad-disinn tat-tieni sensiela u l-ħtiġiġiet tagħhom ġew inklużi fid-disinn finali.



- Il-karta ta' €5 hija l-ewwel denominazzjoni tas-sensiela Europa li se tidħol fiċ-ċirkolazzjoni. Billi hija waħda mid-denominazzjonijiet li jintużaw u jitgħarrqu l-aktar, il-kwalità tagħha ttejbet permezz ta' kisja protettiva.
- Biex jintużaw il-ħażniet li fadal, fix-xhur li ġejjin il-karti ta' €5 tal-ewwel sensiela se jibqgħu joħorġu flimkien mal-karti l-ġodda ta' €5. F'kull każ, għal kull denominazzjoni ż-żewġ sensiliet se jkomplu jiċċirkolaw flimkien bħala valuta legali.
- Id-data meta l-ewwel sensiela ta' karti tal-flus tal-euro ma tibqax valuta legali se titħabbar minn żmien qabel. Madankollu, il-karti tal-flus tal-ewwel sensiela se jibqgħu jżommu l-valur tagħhom u jistgħu jissarrfu għal żmien indefinit fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.



# ĦARSA MILL-QRIB LEJN EUROPA

## > II-“wiċċ” tal-karti tal-flus il-ġodda tal-euro

L-uċuħ dejjem intużaw tradizzjonalment fuq il-karti tal-flus fid-dinja kollha u l-istudji u r-riċerka li saru juru li n-nies x'aktarx jagħrfu l-uċuħ bla tbatija. L-Eurosistema għażlet li tqiegħed il-wiċċ ta' Europa fil-watermark u fl-ologramma tas-sensiela l-ġidida ta' karti tal-flus tal-euro. Europa hija figura tal-mitoloġija Griega. Il-wiċċ ittieħed minn vażun li jinsab fil-Louvre f'Pariġi. Il-vażun instab fl-Italja tan-Nofsinhar u għandu aktar minn 2,000 sena. Dan il-wiċċ intgħażel minħabba li għandu rabta ċara mal-kontinent tal-Ewropa u wkoll jagħti laqta umana lill-karti tal-flus.

Fil-mitoloġija Griega, Europa, bint re tal-Feniċja, għejt sedotta mill-alli Żeus, fis-sura ta' barri, li ħatafha u ġadha fuq il-gżira ta' Kreta. L-istorja nebbħet lill-Griegi antiki biex jużaw “Europa” bħala terminu ġegografiku.



## > Kampanja ta' informazzjoni

Il-karatteristiċi l-ġodda ta' sigurtà jkunu effettivi biss jekk il-pubbliku jagħrafhom faċilment. Għalhekk, fl-2013 il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema se jagħmlu kampanja ta' informazzjoni dwar is-sensiela Europa u l-karta l-ġidida ta' €5 fiż-żona tal-euro kollha.



# RIĊERKA & ŻVILUPP U L-ĠLIEDA KONTRA L-FALSIFIKAZZJONI

## > L-aħħar teknoloġija

Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonal li jipprovdut tagħrif dettaljat dwar il-programmi tagħhom tar-riċerka u l-iżvilupp iż-żgħaq tagħhom huwa li jżommu l-integrità tal-karti tal-flus tal-euro billi jibqgħu pass quddiem il-falsifikaturi. Jinħtieġ sforz qawwi f'dan il-qasam biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda. L-istratgeġja tar-Riċerka & Żvilupp tal-Eurosistema tiddikjara li l-karti tal-flus tal-euro jridu jkunu kapaċi "jideffendu lilhom infuħom". Għalhekk, l-attenzjoni kollha trid tintefxa fuq il-ħolqien tal-akbar għadd possibbli ta' ostakli għal dawk li jiffalsifikaw il-karti tal-flus.

## > Ġlieda effikaċi kontra l-falsifikazzjoni

L-Eurosistema tinvesti sforz konsiderevoli biex tiżgura li l-pubbliku u l-professjonisti li jaħdmu bil-flus kontanti jkunu infurmati tajjeb dwar kif jagħrfu karta tal-flus falza. L-Eurosistema tara wkoll li l-magni li jimmaniġġaw u jipproċċaw il-karti tal-flus ikunu kapaċi jidentifikaw u jneħħu miċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus foloz.


Fl-ewwel nofs tal-2012 tneħħha total ta' 251,000 karta tal-flus falza tal-euro miċ-ċirkolazzjoni. Meta jitqabbel man-numru tal-karti tal-flus ġenwini tal-euro li jinsab fiċ-ċirkolazzjoni (bejn wieħed u ieħor 14.6 biljun fl-ewwel nofs tal-2012) il-proporzjon tal-karti tal-flus foloz huwa minimu.

Minkejja li l-ġħadd attwali ta' karti tal-flus foloz mhuwiex ta' theddida, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonal, bħal banek ċentrali oħra, iridu joqogħdu għassha biex jaraw li l-karti tal-flus tagħhom ikunu kemm jista' jkun reżistenti għall-falsifikazzjoni.

Il-BĊE jikkoopera mill-qrib ukoll mal-Kummissjoni Ewropea (li hija responsabbli għat-tagħrif dwar il-falsifikazzjoni tal-muniti tal-euro) kif ukoll mal-korpi nazzjonal tal-pulizija, l-Europol u l-Interpol. Sura oħra ta' difiża kontra l-falsifikazzjoni hija li l-pubbliku jkun mgħarraf tajjeb dwar il-karatteristiċi ta' sigurtà.

## > Preferenzi ta' gruppi speċifiċi

Il-BĊE organizza gruppi speċifiċi f'pajjiżi differenti taż-żona tal-euro biex jevalwaw x'karatteristiċi ta' sigurtà setgħu jintużaw fil-karti tal-flus tas-sensiela Europa. Il-karatteristiċi ta' sigurtà li ntgħażlu jirriflettu l-preferenzi ta' dawn il-gruppi.



<sup>1</sup> Stqarrja għall-istampa tal-BĊE li toħroġ kull sitt xhur dwar il-falsifikazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro.

# PRODUZZJONI U TQASSIM TAL-KARTI TAL-FLUS

## > **Produzzjoni bi' sħab għal aktar effiċjenza**

Il-BĊE għandu l-jedd eskużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro fiż-żona tal-euro iżda r-responsabbiltà għall-produzzjoni, id-dħul u t-tnejha miċ-ċirkolazzjoni, l-iproċessar u l-ħażin tagħhom tinqasam bejn il-banek ċentrali nazzjonali. L-Eurosistema, jiġifieri l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali, tiddeċiedi r-rekwiżiți tal-produzzjoni annwali tal-karti tal-flus u talloka l-ammonti meħtieġa lill-banek ċentrali nazzjonali. Huma stess imbagħad jipprovdu l-ammonti miftiehma ta' denominazzjoni waħda, jew ta' aktar minn waħda, jew inkella jagħtu x-xogħol tal-produzzjoni lil forniture awtorizzati.

## > **Produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro**

L-istess bħas-sensiela attwali, is-sensiela Europa se tiġi stampata fuq karta maġħmula mill-qoton biex il-karti tal-flus ikunu jqarqcu u sodi. Xi karatteristiċi ta' sigurtà, bħall-watermark jew il-fil ta' sigurtà, jiġu integrati fil-karta nnifisha waqt il-proċess tal-manifattura tal-karta.

Din il-karta mbagħad titqassam lil stamperiji fl-Ewropa li jiproduċu l-karti tal-flus b'livell għoli ta' sigurtà. Jintużaw tipi differenti ta' pjanċi u linka specjalji, kif ukoll diversi proċessi: stampar bl-offset u bl-intall, proċess għall-applikazzjoni tal-oħra u stampar bis-silk screen għan-numri li jibdlu l-kulur.


Sistema komuni li tikkontrolla l-kwalità tiżgura li l-karti tal-flus kollha tal-euro jkunu tal-istess standard. Waqt il-proċess tal-produzzjoni jsiru mijiet ta' testijiet manwali u awtomatizzati. Wara li l-karti tal-flus ikunu għaddew mill-ispezzjoni tal-kwalità u jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet kollha, jiġu ppakkjati skont id-denominazzjoni u jinħażnu f'postijiet siguri qabel ma jitqassmu.

## > **Mill-istamperiji għall-bwiet tan-nies**

Il-karti tal-flus jingħarru għal għand il-banek ċentrali nazzjonali fejn jinħażnu fi kmamar tas-sigurtà. Fit-2 ta' Mejju 2013 il-banek u istituzzjonijiet simili jibdew jiċċirkolaw il-karti l-ġoddha ta' €5 bil-meżżi normali, jiġifieri permezz tal-kaxxiera jew mill-ATMs. Sal-ħarifa tal-2013, fiż-żona tal-euro kollha, il-karti l-ġoddha ta' €5 huma mistennija jaqbżu fil-kwantità lill-karti ta' €5 tal-ewwel sensiela.



# IL-ĦAJJA TA' KARTA TAL-FLUS



# UFFIĊJI STAMPA

## tal-Eurosistema



Directorate Communications  
Press and Information Division  
Kaiserstraße 29  
60311 Frankfurt am Main  
Germany  
Tel.: +49 69 1344 7455  
Fax: +49 69 1344 7401  
E-mail: info@ecb.europa.eu  
Internet: www.newfaceoftheeuro.eu  
or www.euro.ecb.europa.eu




Kristin Bosman  
Porte-parole / Woordvoerster  
Bld de Berlaimont 14  
1000 Bruxelles / Brussel  
Belgique / België  
Tél / Tel.: +32 2 221 46 28  
Télécopie / Fax : +32 2 221 31 60  
Courriel / E-mail : pressoffice@nbb.be  
Internet : www.nbb.be



Zentralbereich Kommunikation  
Pressestelle  
Wilhelm-Epstein-Straße 14  
60431 Frankfurt am Main  
Deutschland  
Tel.: +49 69 9566 3511  
Fax: +49 69 9566 3077  
E-Mail: presse@bundesbank.de  
Internet: www.bundesbank.de



Avalike suhete allasakond  
Estonia pst 13  
15095 Tallinn  
Eesti  
Tel: +372 668 0965, +372 668 0745  
Faks: +372 668 0954  
E-post: press@estipank.ee  
www.estipank.ee



Press office  
PO Box 559  
Dame Street  
Dublin 2  
Ireland  
Tel: +353 1 224 6299  
E-mail: press@centralbank.ie  
Internet: www.centralbank.ie



Υπηρεσία Τύπου  
Ελ. Βενιζέλου 21  
102 50 Αθήνα  
Ελλάδα  
Τηλ: +30 210 320 3447  
Φax: +30 210 320 3922  
E-mail: press@bankofgreece.gr  
Internet: www.bankofgreece.gr

### BANCO DE ESPAÑA

Eurosistema

Ricardo Fernández  
Jefe de la División de Relaciones con los Medios y  
Documentación  
Alcalá, 48  
E-28014 Madrid  
España  
Tel.: +34 91 338 5044  
Fax: +34 91 338 5203  
Correo electrónico: comunicación@bde.es  
Internet: www.bde.es



Herman Lutke Schipholt  
Persvoorlichter  
Westeinde 1  
1017 ZN Amsterdam  
Nederland  
Tel.: +31 20 524 2712  
Mobiel: +31 6 5249 6900  
E-mail: h.j.lutke.schipholt@dnb.nl  
Internet: www.dnb.nl



Olivier Aubry  
Chef du service de presse  
48 rue Croix-des-Petits-Champs  
75001 Paris  
France  
Tél.: +33 1 42 92 39 29  
Télécopie : +33 1 42 92 39 41  
Courriel : Olivier.AUBRY@banque-france.fr  
Internet : www.banque-france.fr



Paola Ansini  
Titolare della Divisione Stampa e  
relazioni esterne  
Via Nazionale 91  
00184 Roma  
Italia  
Tel.: +39 06 4792 3969  
Fax: +39 06 4792 2253  
E-mail: stampabi@bancaitalia.it  
Sito Internet: www.bancaitalia.it



Christian Gutleiderer  
Pressegesprecher  
Otto-Wagner-Platz 3  
1090 Wien  
Österreich  
Tel.: +43 1 404 20 6609  
Fax: +43 1 403 17 44  
E-Mail: christian.gutleiderer@oenb.at  
Internet: www.oenb.at



Gabinete de Comunicação Institucional  
Rua do Comércio, 148  
1100-150 Lisboa  
Portugal  
Tel.: +351 213 215 358  
Fax: +351 213 464 843  
Correio eletrónico: press@bportugal.pt  
Internet: www.bportugal.pt



Tlačové a edičné oddelenie  
Imricha Karvaša 1  
813 25 Bratislava  
Slovenská republika  
Tel.: +421 2 5787 2161  
Fax: +421 2 5787 1128  
E-mail: press@nbs.sk  
Internet: www.nbs.sk



Sekretariat in mednarodni odnosi  
Slovenska 35  
1505 Ljubljana  
Slovenija  
Tel.: +386 1 47 19 153, +386 1 47 19 549  
Faks: +386 1 47 19 724  
E-pošta: pr@bsi.si  
Internet: www.bsi.si



Clive Bartolo  
Senior PR Officer / Kap Uffijċjal għar-RP  
Piazza Kastilja  
Valletta VLT 1060  
Malta  
Tel.: +356 2550 3104 / 5  
Fax: +356 2550 4950  
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org  
Internet: www.centralbankmalta.org

Richard Brander  
Tiedottaja / Informatör  
Snellmaninakko / Snellmansplatsen  
PL 160 / PB 160  
00101 Helsinki / Helsingfors  
Suomi / Finland  
Puhelin / Telefon: +358 10 831 2206  
Sähköposti / Kontakt: Richard.Brander@bof.fi  
Internet: www.suomenpankki.fi /  
www.finlandsbank.fi

[www.wiccgdidtaleuro.eu](http://www.wiccgdidtaleuro.eu)  
[www.euro.ecb.europa.eu](http://www.euro.ecb.europa.eu)



ЕВРОПЕЙСКА ЦЕНТРАЛНА БАНКА  
BANCO CENTRAL EUROPEO  
EVROPSKÁ CENTRÁLNÍ BANKA  
DEN EUROPÆISKE CENTRALBANK  
EUROPÄISCHE ZENTRALBANK  
EUROOPA KESK PANKE  
ΕΥΡΩΠΑΪΚΗ ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ  
EUROPEAN CENTRAL BANK

BANQUE CENTRALE EUROPÉENNE  
AN BANC CEANNAIS EURPACH  
BANCA CENTRALE EUROPEA  
EIROPAS CENTRĀLĀ BANKA  
EUROPOS CENTRINIS BANKAS  
EUROPÄAI KÖZPONTI BANK  
BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROPESE CENTRALE BANK  
EUROPEJSKI BANK CENTRALNY  
BANCO CENTRAL EUROPEU  
BANCA CENTRALĂ EUROPEANĂ  
EURÓPSKA CENTRÁLNA BANKA  
EVROPSKA CENTRALNA BANKA  
EUROOPAN KESKUSPANKKI  
EUROPEISKA CENTRALBANKEN

EUROSYSTEM